MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 10 ta' Jannar, 2017

Rikors Maħluf Numru: 1083/2015 LM

**Rita Carmen Bonavia (ID No: 474781M)**

**vs.**

**Christian Zarb (ID No: 569585M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attriċi **Rita Carmen Bonavia** (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), ippreżentat fit-2 ta' Novembru, 2015, li jaqra hekk:

*1. Premess illi nhar it-3 ta' Awwissu, 2012 ir-rikorrenti Rita Carmen Bonavia kienet xufiera tal-karozza tal-linja tas-soċjetà dak iż-żmien Arriva, illum Malta Public Transport Services (Operations) Ltd (BUS 121), waqt il-ħin tax-xogħol u bħala parti mill-qadi ta' dmirijieta;*

*2. U premess illi fil-ġurnata msemmija, u ċioè dik tat-3 ta' Awwissu, 2012, waqt li r-rikorrenti Rita Carmen Bonavia kienet qed issuq l-imsemmija vettura u waqfet b'mod temporanju fil-bus stop bl-isem 'Swieqi', l-intimat Christian Zarb niżel mill-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAA 038, ħebb u hedded lir-rikorrenti;*

*3. U premess illi b'riżultat dirett tal-imsemmi inċident ir-rikorrenti Rita Carmen Bonavia sofriet telf ta' qligħ, diżabilità permanenti u danni konsegwenzjali;*

*4. U premess illi l-imsemmi inċident seħħ għar-raġunijiet illi huma unikament imputabbli lil Christian Zarb;*

*5. U premess illi l-Qorti Kriminali kkonfermat il-ħtija kriminali tal-intimat Christian Zarb fl-imsemmi inċident bis-sentenza "Il-Pulizija vs Christian Zarb" datata s-16 ta' April, 2015 (ara Dok. A hawn anness);*

*6. U premess illi l-intimat ġie interpellat sabiex jgħaddi għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti, u dan permezz ta' ittra uffiċjali datata Jannar 2014 (ara Dok. B hawn anness) iżda baqgħet inadempjenti;*

*Għalhekk jgħid l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja:*

*1. Tiddikjara li l-intimat hu responsabbli għall-inċident li seħħ fit-3 ta' Awwissu, 2012, f'liema inċident korriet ir-rikorrenti Rita Carmen Bonavia;*

*2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-imsemmi inċident;*

*3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.*

*Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-liġi, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata Jannar 2014 kontra l-intimat li hu inġunt minn issa għas-subizzjoni.*

Rat illi l-konvenut **Christian Zarb** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") ġie debitament notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni, u ma ppreżenta l-ebda risposta maħlufa u għalhekk baqa' kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Il-konvenut ingħata wkoll l-opportunità li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12 iżda naqas ukoll li jagħmel dan.

Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi d-dokumenti esebiti, inkluż l-atti tal-kawża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Christian Zarb** (Kumpilazzjoni Numru 159/14) li ġew allegati ma' dan il-proċess.

Rat li l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi bħala prova tal-ħtija tal-konvenut, l-attriċi ppreżentat kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Christian Zarb** tas-16 ta' April, 2015 minn fejn jirriżulta li l-imputat, f'dawn il-proċeduri l-konvenut, ġie misjub ħati talli kkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tal-attriċi.

Illi l-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali jikkonsagra l-indipendenza tal-azzjoni kriminali minn dik civili. Fil-kamp ċivili l-proċediment irid isir *ex integro* indipendentement minn kwalsiasi sentenza mnissla minn azzjoni kriminali. Ara s-sentenza fl-ismijiet **Onor. Paul Boffa nomine et vs. Paul Zammit**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 6 ta' Frar, 1950 u d-deċiżjonijiet hemmhekk kompendjati.

Illi min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 627(e) tal-Kapitolu 12 l-atti u r-reġistri tal-qrati tal-ġustizzja huma ammissibbli bi prova *ex facie* – kompriż allura sentenza mogħtija minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (ara, ukoll, deċiżjoni tal-Prim'Awla, Qorti Ċivili tal-1 ta' Dicembru, 1955 fl-ismijiet **Carmelo Camilleri vs. Gejtu Cassar**).

Illi jirriżulta mill-kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq indikata illi l-konvenut odjern kien f'dawk il-proċeduri ammetta l-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu. Huwa riċevut mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi:

"Kif spjegat minn din il-Qorti fid-deċiżjoni **Joseph Manchè vs. Mary Butler et**, 11.05.1957, "anke f'dan il-każ il-verbal tal-ammissjoni tal-imputazzjoni, li hemm fl-inkartament kriminali, kien jikkostitwixxi prova, mhux bħala prova in sede kriminali estendibbli għall-ġudizzju ċivili, imma bħala konfessjoni. Dan bl-istess mod kif kienet tkun produċibbli bħala prova konfessjoni bil-miktub magħmula band'oħra, jew anki konfessjoni verbali".

Jikkonsegwi minn dawn il-kunsiderazzjonijiet illi t-Tribunal ma kienx legalment korrett fl-affermazzjoni tiegħu illi s-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma kinitx tagħmel prova suffiċjenti u li, għaldaqstant, kienet meħtieġa *prova hinc inde* quddiem tal-kommissjoni tal-malafama. *Del resto*, bil-kontra wkoll ta' dak ritenut mill-Ġudikatur, ma kienet teżisti ebda kontestazzjoni mill-konvenuti dwar is-sentenza b'dawk l-imputazzjonijiet u l-prova tal-ammissjoni dwarhom."[1]

Għalhekk il-ħtija tal-konvenut tirriżulta b'mod ċar mill-proċess u sentenza fuq imsemmija mogħtija in sede penali.

Fl-atti tal-proċess kriminali ġie esebit ċertifikat ta' Mr Thomas Azzopardi, Consultant Orthopaedic Surgeon fl-Isptar Mater Dei, datat 29 ta' Ottubru, 2013, inkarigat mill-vittma personalment, illi sab 4% diżabilità (fol 18); u wara li l-imputat, illum konvenut, ikkontesta d-diżabilità l-Qorti ħatret lil Mr Alec Sultana li permezz ta' rapport datat 19 ta' Jannar, 2015 iċċertifika li l-vittma, hawnhekk l-attriċi, għandha 8% diżabilità u ma tistax tkompli bix-xogħol tagħha ta' xufier tax-xarabanks għal sentejn. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala m'għandhiex tistrieħ fuq il-perċentwal ta' diżabilità mogħtija mill-espert li kien maħtur mill-Qorti stess.

[1] **Emanuel Borg et vs. Anna Clews et** – App. Inferjuri (PS) 27.02.2009.

Illi l-attriċi ma ppreżentat l-ebda prova tad-dħul tagħha, għalkemm jidher li kienet taħdem mal-kumpannija Arriva. Għalhekk il-Qorti sejra tiegħu bħala bażi d-dħul mill-paga minima nazzjonali li fil-2015 kienet €166.26 fil-ġimgħa. Min-numru tal-karta tal-identita' jidher li l-attriċi twieldet fil-1981 u għalhekk fid-data tal-inċident kellha 31 sena. L-età tal-irtirar hija ta' 65 u għalhekk kellha 34 sena lavorattiva. €166.26 iġibu €8,645.52 fis-sena li f'34 sena jammontaw għal €293,947.68. 8% ta' din is-somma hija €23,515.81. Wara tnaqqis solitu ta' 20% *lump sum* is-somma tiġi €18,812.65.

Illi permezz ta' nota fil-proċess ta' din il-kawża, (fol 39) l-attriċi ippreżentat riċevuti li juru *damnum emergens* ta' €549.54.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet attriċi billi:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-inċident li seħħ fit-3 ta' Awwissu 2012, f'liema incident korriet l-attriċi;**

2. **Tillikwida d-danni minnha sofferti b'konsegwenza tal-imsemmi inċident fis-somma ta' €19,362.19;**

3. **tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €19,362.19 hekk likwidata, bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Jannar 2014.**

Moqrija